TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Manuel Mizzi

vs

Comet Laundry

CCT G4/18

14 ta' Settembru 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent pprezentat fid-29 ta' Marzu 2018 fejn talab ir-rifuzjoni ta' €226.10 prezz ta' libsa wara li din giet dannegjata mill-azjenda intimata li topera servizz ta' *Laundry and Drycleaning.*

Ra r-risposta tal-azjenda intimata pprezentata fit-18 ta' April 2018 fejn din cahdet l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u jekk kien hemm xi tbajja, dawna kienu pre-ezistenti s-servizz moghti mill-azjenda intimata.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi mhuwiex kontestat illi r-rikorrent ha libsa ghal servizz ta' *drycleaning* ghand l-azjenda intimata. Din il-libsa nxtrat gdida mid-ditta Bortex fis-27 ta' Gunju 2017 ghal prezz ta' €226.10. Xi tlett xhur wara u wara li ntlibset xi tlett darbiet, il-libsa ttiehdet ghand l-azjenda intimata ghad-*drycleaning.* Omm ir-rikorrent gabbret din il-libsa minghand l-azjenda intimata u meta giet spezzjonata nstab illi kien hemm tbajja u *discolouring* tad-drapp. Gew ezebiti ritratti li juru dawn id-diffetti. Ir-rikorrent ighid illi dawna ma kienux hemm qabel ma l-libsa ttiehdet ghand l-azjenda intimata.

Illi min-naha l-ohra, l-azjenda intimata tghid li l-libsa kienet diga' dannegjata meta giet ghandha izda madankollu xorta pprocedew bis-servizz ta' *drycleaning* minghajr ma ghamlu xi reklam jew notamenti fuq id-dokument appozitu. L-azjenda intimata rrifjutat it-talba tar-rikorrent peress illi skond hi ma kenitx responsabbli ghall hsara.

Ikkunsidra

Illi minn dawn ir-rizultanzi processwali, huwa car illi r-rikorrent ha l-libsa ghal *dry cleaning* ghand l-azjenda intimata li accettat li taghmel dan is-servizz u wara li kien kompletat instab illi kien hemm hsarat fil-libsa. L-unika gustifikazzjoni li ghandha l-azjenda intimata hija li t-tebgha/hsara kienet hemm minn qabel.

Hu ben saput li min jallega irrid jipprova u filwaqt illi r-rikorrent gab il-prova tal-hsara, l-azjenda intimata ma gabet l-ebda prova li t-tbajja u d-*discolouring* fid-drapp kienu hemm qabel ma ghamlet l-intervent taghha. It-Tribunal kien jistenna illi hekk kif l-azjenda intimata ndunat illi kien hemm dawn id-difetti din kellha tikkomunika mar-rikorrent qabel ma taghmel l-intervent, sabiex il-klijent ikun f'posizzjoni jikkonstata dak li kien qed jinghad. Minn dan kollu, l-azjenda ma ghamlet xejn u r-rizultat tas-servizz taghha kien ir-rovina tal-libsa fdatha lilha. La darba accettat li tiehu konsenja ta' oggett, l-azjenda intimata kellha obbligazzjoni illi mhux biss taqdi dak is-servizz kontrattat imma illi tikkustodja l-oggett bhallikieku kienet propjeta' taghha. It-Tribunal jinnota attitudini dilettantesk min-naha tal-azjenda intimata illi naqset mill-obbligi taghha fuq oggett illi gie fdat lilha bi hlas, fejn allura l-obbligu taghha kienu ferm oghla minn semplici depozitu bi pjacir.

Ikkunsidra

Illi libda li kienet ghand ir-rikorrent ghal tlett xhur tista' titqies prattikament gdida u ghalhekk it-Tribunal ihoss illi ghandu jigi kompensat il-prezz kollu illi hallas taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikkundanna l-azjenda intimata li thallsu s-somma ta' €226.10. Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata, b'dan illi l-azjenda intimata tista' tiehu l-propjeta' tal-libsa wara li jsir il-hlas.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru